MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 402/2004/1

**Joseph Buttigieg**

**vs**

**Mario Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Lulju, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti danni minnu subiti f'kollizjoni li sehhet fil-21 ta' Jannar, 2004 bejn il-vettura tieghu numru BAR 337 u dik tal-konvenut bin-numru FBE 538.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'tort ta' Daniela Buttigieg, is-sewwieqa tal-karozza BAR 337 u f'kull kaz l-ammont pretiz huwa eccesiv.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' PS 86 Anthony Lia, ta' Daniela Buttigieg u Mario Azzopardi.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kollizjoni sehhet fl-inkrocju bejn Triq it-Tigrija u Triq Simpson, il-Marsa. Daniela Buttigieg li kienet qieghda ssuq il-karozza ta' l-attur bin-numru BAR 337 kienet ghaddejja minn Triq it-Tigrija, l-Marsa mentri l-konvenut li kien qed isuq il-karozza FBE 538 kien qed isuq fi Triq Simpson. Iz-zewg toroq huma *one-way* fid-direzzjoni kif kienu qed jinstaqu l-vetturi u z-zewg sewwieqa kienu ntenzjonati li jibqghu miexjin fid-dritt. Iz-zewg sewwieqa jghidu li harsu u l-ebda wiehed ma lemah lill-iehor.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi z-zewg toroq huma toroq sekondarji izda kif xehed is-Surgent Lia, Triq it-Tigrija hija ta' ftit aktar importanza minn Triq Simpson. Dan anke jista' jigi nferit mil-layout tat-toroq. Minn ezami tal-iskizz esebit jirrizulta wkoll illi biex temergi minn Triq Simpson ghal fuq Triq it-Tigrija t-triq m'hijiex $90^{o}$ izda hija dijagonali u ghalhekk fil-pozizzjoni li ried jemergi l-konvenut, minhabba l-angolu tat-triq, il-vizwali tieghu kienet stretta.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-Highway Code u partikolarment ir-Regolamenti 213 u 214 li jghidu hekk:

213 – "At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road."

214 – “At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the right[1].”

Illi inoltre, fir-Regolament 220 fl-istess Highway Code huwa ndikat illi wiehed ghandu jadatta s-sewqan tieghu ghat-tip u kundizzjoni tat-triq u b’mod partikolari biex “where there are junctions, be prepared for vehicles emerging”.

F’dan l-aspett it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill**-Prim Awla tal-Qorti Civili Citaz Numru 1853/2000RCP 16 ta’ Jannar, 2002 fil-kawza “John Bonnici noe Vs Alfred Montebello”** fejn insibu insenjament utli dwar kif ir-regoli applikabbli ghall-kollizjoni li ssehh f’inkrocju f’toroq sekondarji ta’ mportanza ugwali:

“Illi f’kazijiet bhal dawn meta hemm zewg verzjonijiet dwar l-akkadut din il-Qorti trid timxi fuq dik il-verzjoni li hija l-aktar vero simili fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u dan ukoll sabiex tistabbilixxi l-kawza prossima ta’ l-istess incident.

Illi huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Jesmond Bonello Vs Giulio Baldacchino” deciza fil-15 ta’ Jannar, 1997** qalet illi:

*“... f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabbilta` ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu.*

*F’materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta’ u mhux l-*

---

[1] **Jigi rilevat li qabel l-1 t’Ottubru 2000, id-dritta kienet favur traffiku gej mix-xellug u ghalhekk jekk issir referenza ghall-gurisprudenza in materja, wiehed ghandu joqghod attent ghad-data preciza tal-kollizjoni.**

*ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

…….. Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Louis Bianchi noe et Vs Anthony Zammit" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar, 1997** dik l-Onorabbli Qorti qalet illi: *"Hu car li dan ukoll bhal konvenut kien qed jersaq lejn l-inkrocju ta' salib it-toroq format minn toroq ta' mportanza ugwali u li allura ma kien jaghti lill-ebda wiehed miz-zewg drivers ir-"right of way" fuq l-iehor. Kien ovvjament dmir taz-zewg "drivers" li jersqu lejn dan l-inkrocju b'attenzjoni kbira u li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega mir-regolamenti u mic-cirkostanzi ambjentali biex jinnavigawh bil-galbu.*

*Kull wiehed mis-sewwieqa hu obbligat li jirrallenta l-velocita' ghall-minimu waqt li jkun riesaq lejn l-inkrocju u anke jekk mehtieg jieqaf kompletament bhala process obbligat biex izomm il-"proper lookout" qabel ma jibda jittraversa salib it-toroq. Dan ghax hu kjarament dmir ta' kull driver li jkun ser jittraversa nkrocju li jaccerta ruhu li ma jkun gej l-ebda traffiku minn l-ebda direzzjoni mit-tlett toroq l-ohra li seta' jfixkel appena jirfes fl-inkrocju.*

*Fi kliem iehor kull sewwieq li ma jkunx ha dawn il-prekawzjonijiet elementari jkun qieghed jittanta jaqsam inkrocju b'mod traskurat u nkonsult u jkun qieghed jikkontribwixxi ghas-sinistru. Jkun qieghed ipoggi lilu nnifsu li kkontribwixxa ghall-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident li ma kienx jigri li kieku hu ma sabx ruhu f'dik il-pozizzjoni u li kieku sewwa osserva r-regolamenti tas-sewqan li l-prudenza kienet tiddettalu. Il-gravita' ta' kif dawn ir-regolamenti kienu gew miksurin u tal-mod negligenti kif iz-zewg "drivers" involuti fl-incident ikunu ddecidew li jittraversaw l-inkrocju naturalment jiswew biex fuqhom jigi determinat il-grad ta' responsabbilta'.*

*Imma dan ma jnaqqas xejn mill-konkluzjoni nnevitabbli illi jkunu z-zewg drivers li jkunu nvoluti fil-kollizjoni li jkunu f'xi grad naqsu li josservaw ir-regolamenti tat-traffiku u li*

*allura jkunu t-tnejn mghobbija b'xi grad ta' responsabbilta'.'*

Illi din il-Qorti, diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Middle Sea Insurance Company Limited Vs Brian Camilleri" deciza fid-29 ta' Jannar, 1999** qalet illi: *"zewg drivers meta javvicinaw salib it-toroq iridu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevitaw kollizjoni, u li jekk jonqsu minn dan id-dover, it-tnejn iridu jbatu parti mit-tort. Dan il-punt gie spjegat fil-kawza, **"Carmel Bellizzi pro et noe Vs Joseph Vella"** fejn il-Qorti kienet qalet: "Kif irritenew ripetutament il-Qrati taghna, jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkrocju format minn zewg toroq ta' l-istess importanza li jipprocedi bil-mod ferm u ma jittraversax dan l-inkrocju qabel ma jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li l-ebda vettura ohra ma tkun riesqa hija wkoll lejn l-istess inkrocju sija' fuq il-lemin, aktar u aktar fuq ix-xellug tieghu minhabba l-precedenza fir-Reg 68 tal-M.V.R. Infatti, sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun bi hsiebu jittraversa ma jista' jkun jaf minn qabel minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista' titfaccalu vettura ohra u, kwindi, tispettax lilu jew le d-dritta. Kull sewwieq, ghalhekk, li jonqos minn dan id-dmir strett tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li, fid-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed miz-zewg sewwieqa li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir predett, jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-right of way preskritt mill-imsemmi regolament 68 tal-M.V.R."* (Ara sentenzi **"Zahra Vs Polidano" P.A. 22 ta' Marzu, 1972** u **"England noe Vs Zammit" P.A. 16 ta' Mejju, 1973**).

***Din ir-regola ta' precedenza lit-traffiku fuq ix-xellug[2] mhix wahda li tkun tezisti "a priori", imma wahda li tirradika ruhha biss wara li d-drivers ikunu raw lil xulxin u stabbilew min minnhom qieghed fuq ix-xellug ta' l-iehor. Biex, wara li s-sewwieqa jkunu raw lil xulxin, ikollhom l-opportunita' li jcedu d-dritta lil min***

[2] Kif gja ntqal, illum d-dritta hija favur traffiku gej mil-lemin.

***tkun tispetta, jkun mehtieg li huma jkunu qed isuqu bi speed tali li jippermettilhom li tempestivament jirreagixxu u jieqfu halli jkunu jistghu jcedu d-dritt. Bi speed baxx u lookout assidwu biss jistghu jigu evitati ncidenti f'inkrocji bhal dawn."*** Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenza "**Socjeta' Citadel Insurance p.l.c. Vs Alan Muscat" (P.A. (RCP) 25 ta' Mejju, 2000**) u ghalhekk a bazi tal-principji fuq stabbiliti u ghalkemm tali regoli ma humiex ligi, xorta huma ndizzjali ghall-sewqan prudenti, li l-ewwel konsiderazzjoni taghhom mhux li jistabbilixxu dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta' sikurezza fuq it-toroq taghna, u din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-istess regola, u l-gurisprudenza fuq indikata tattribwixxi grad ta' responsabbilta' ikbar u cjoe' ta' zewg terzi lit-traffiku li jkun gej mil-lemin[3], u grad ta' terz lil min kull gej minn fuq ix-xellug, anke ghaliex il-konsistenza tar-regoli fis-sewqan, bhal konsistenza f'kull haga ohra, jghinu sabiex l-istess utenti tat-toroq ikunu jistghu ahjar jirregolaw ruhhom, u b'hekk jigu evitati aktar sinistri."

Applikati l-imsemmija principji ghall-kaz odjern it-Tribunal jidhirlu illi f'dan il-kaz partikolari z-zewg sewwieqa ghandhom jahtu ghall-incident ghalkemm il-konvenut fi grad ghola minn dak tas-sewwieqa tal-vettura ta' l-attur. Il-konvenut li kien qed jemergi minn Triq Simpson u ried jittraversa Triq it-Tigrija. Is-sewwieqa tal-karozza ta' l-attur kienet gejja mil-lemin tieghu. Iz-zewg toroq huma sekondarji, z-zewg sewwieqa kellhom obbligu li jisslowjaw u sahansitra, jekk hemm bzonn, li jieqfu. Kellhom obbligu li jzommu *lookout* assidwu u jaccertaw ruhhhom li jistghu jittraversaw it-toroq rispettivi liberament - haga li evidentement ma saritx miz-zewg sewwieqa stante li sehh l-incident. Ir-regola ta' precedenza lit-traffiku fuq il-lemin *"mhix wahda li tkun tezisti "a priori", imma wahda li tirradika ruhha biss wara li d-drivers ikunu raw lil xulxin u stabbilew min minnhom qieghed fuq ix-xellug ta' l-iehor".* L-ebda wiehed miz-zewg sewwieqa ma ra lill-iehor qabel ma kien evidenti li ser issehh il-kollizjoni. It-tnejn kienu miexjin. Hadd minnhom ma waqaf *dead stop* qabel l-

[3] Ghar-raguni fuq indikata, llum din ghandha tkun vice versa

inkrocju. L-ebda wiehed minnhom ma kien qed jistenna lill-iehor.

Ghar-rigward tas-sewqan ta’ Daniela Buttigieg li kienet qieghda ssuq il-karozza ta’ l-attur, hi affermat illi ma ratx il-vettura tal-konvenut qabel ma harget minn Triq Simpson u li malli rat din il-vettura ghafset il-brake u gibdet ‘il hemm biex tipprova tevitaha izda l-kollizjoni xorta sehhet. Mil-mod kif spiccaw iz-zewg vetturi jidher li kienet il-vettura ta’ l-attur li baqghet diehla gol-bieba tad-driver tal-konvenut.

Bhala sewwieqa f’toroq sekondarji kienu obbligati illi jisslowjaw fl-intersection u joqghodu attenti ghat-traffiku li seta’ jemergi mit-triq l-ohra. Huwa evidenti li l-ebda wiehed miz-zewg sewwieqa m’ghamel dan u ghalhekk it-tnejn huma responsabbli. Fuq l-iskorta tas-sentenzi fuq citati, stante li s-sewwieqa tal-karozza ta’ l-attur kienet *to the right* tal-karozza tal-konvenut, ir-responsabbilta’ tal-kollizjoni in kwistjoni ghandha tigi allokata fi grad ta’ zewg terzi (2/3) fuq il-konvenut.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mid-dokumenti esebiti jirrizulta li dawn id-danni jammontaw ghal hames mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu u disa’ millezmi (Lm577.28,9) li minnhom il-konvenut irid ibati zewg terzi (2/3) li qieghdin jigu arrotonditi ghal tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni sehhet parzjalment b’responsabbilta’ tal-konvenut fi grad zewg terzi (2/3) u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) bl-interessi mill-21 ta’ Frar, 2004. L-ispejjez huma kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghall-attur.”

L-attur hassu aggravat b’ din id-decizjoni u talab ir-revoka taghha meta invece kien aktar konsentit li hu jitlob ir-riforma taghha meta fil-verita` hu ma kienx ghal kollox

sokkombenti. Intant il-lanjanza principali tieghu hi arginata fuq l-argoment illi Triq it-Tigrija transitata mill-karozza tieghu, ghalkemm misjuqa minn bintu, kellha titqies aktar importanti minn Triq Simpson minn fejn kien gej il-konvenut. Huwa jsejjes din il-fehma tieghu fuq il-bazi li Triq it-Tigrija ghandha *flow* kostanti ta' traffiku, twassal ghal Marsa By Pass u c-centru tal-lokal, u minnha t-traffiku hu aktar voluminuz;

Il-versjonijiet provvduti miz-zewg sewwieqa huma dawn:-

(1) Daniela Buttigieg li kienet qed issuq l-iSkoda fi Triq it-Tigrija tghid li meta waslet hdejn Simpson Street minn fuq ix-xellug taghha harget vettura li ma waqfetx. Hi pprovat tirrallenta izda xorta wahda sehhet il-habta. Tistqarr li rat lill-vettura l-ohra meta kienet distanti vettura u nofs;

(2) Minn naha tieghu l-konvenut jiddikjara li hu kien gej minn Simpson Street. Jghid li rrallenta l-vettura u kwazi mewwitha. Jistqarr ukoll illi meta ttawwal ma ra lil hadd gej. Skond il-konvenut Triq it-Tigrija hi angolata fil-konfront ta' Simpson Street;

(3) PS 86 Anthony Lia, li nvestiga l-incident u hejja l-iskizz, jipprovdi dan it-taghrif dwar it-topografija tat-toroq. Huwa jiddiskrivihom bhala li z-zewg toroq huma sekondarji ghalkemm Triq it-Tigrija hi aktar importanti mill-ohra. Fil-hin li sehh l-incident it-triq tkun *clear* u jkollok vizwali tajba ghal dak li jkun hiereg minn Simpson Street; anzi s-sewwieqa li jitransitaw iz-zewg toroq ikollhom vizwali tajba. Huwa jiddikjara wkoll illi z-zewg toroq huma "*one way*" u li fl-inhawi ma hemm ebda *stop signs* jew sinjali;

Fuq il-bazi ta' din l-informazzjoni t-Tribunal sab li z-zewg sewwieqa, ghalkemm fi grad differenti, ghandhom jahtu ghall-incident. Huwa jasal ghal din il-konstatazzjoni u decizjoni fuq dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Il-konvenut htieglu jitraversa Triq it-Tigrija biex ikompli sejjer fil-parti l-ohra ta' Triq Simpson. Dan fil-mument meta l-vettura l-ohra kienet gejja fi Triq it-Tigrija minn fuq il-lemin tieghu, u li hu jghid li ma rahx;

(2) Kwantu ghal konducenti l-ohra, fuq l-istess affermazzjoni taghha, din ma ratx lill-konvenut hlief meta din xirfet fuq Triq it-Tigrija. Kull tentattiv taghha biex tevita l-iskontru safa inutili;

(3) Konsiderat li z-zewg toroq kienu sekondarji kien jinkombi b' dover fuq iz-zewg sewwieqa li jirrallentaw u jipprestaw attenzjoni xierqa meta jkunu qeghdin javvicinaw *intersection*;

(4) Il-htija tal-konvenut kienet fi proporzjon akbar stante li, in bazi ghar-regolament stradali, u fuq il-gwida tal-gurisprudenza affermata, il-precedenza kellha tkun akkordata lit-traffiku gej mil-lemin;

Ghar-ragunijiet minnu propunjati fil-korp ta' l-appell l-attur jikkontendi li t-triq transitata minn bintu kellha titqies aktar magguri mill-ohra traversata mill-konvenut;

Precizati l-premessi osservazzjonijiet tat-Tribunal u l-kontestazzjoni sottomessa mill-appellanti ghal konkluzjoni raggunta, jibda biex jigi osservat illi z-zewg kontendenti jistqarru li jaqblu ma' l-iskizz esebit in atti. Indubitament, "l-iskizz li jigi preparat mill-Pulizija tat-traffiku in segwitu ghall-incident stradali u li huwa ferm utli ghall-qorti li eventwalment tigi investita bil-kaz, ghandu jkun limitat ghal dak li '*actu*' jista' jigi konstatat '*de visu*' meta l-Pulizija tmur fuq il-post" (**Kollez. Vol. XLVI P I p 885**). Dan qed jigi sottolinejat ghaliex huwa evidenti illi hu proprju dan l-iskizz ir-rizoluzzjoni tal-kwestjoni in ezami. Dan juri mhux biss il-posizzjoni tal-vetturi mal-habta u l-hsarat relattivi izda fuq kollox it-topografija tal-lokalita` fejn sehh l-incident u affarijiet simili li huma ta' siwi ghal min ikollu minn din ir-rapprezentanza grafika jittanta jirrikostruwixxi d-dinamika ta' l-incident. Naturalment, apparti l-

importanza tar-regolamenti li jghoddu, kull gudizzju ghandu jigi affrontat fuq ic-cirkostanzi kif pruvati tal-kaz partikulari. Cirkostanzi dawn li kif jemergu mill-iskizz jiddemostraw illi l-vettura misjuqa minn bint l-attur kienet fuq il-lemin tal-vettura misjuqa mill-konvenut u li fiz-zewg toroq ma tezisti l-ebda senjaletika. Dan ikompli jsahhah l-ovvju u cjoe li z-zewg toroq huma ta’ l-istess importanza, anke independentement mill-fluss tat-traffiku transitat;

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, fuq il-bazi ta’ l-iskizz, l-okkorrenza u x-xhieda rispettiva taz-zewg konducenti, illi l-kawza efficjenti tal-kollizjoni kienet fl-ewwel lok il-vjolazzjoni da parte taz-zewg *drivers* illi meta kienu qed jersqu lejn xulxin minn direzzjonijiet opposti lejn inkrocju u minn toroq sekondarji ta’ l-istess importanza, ma adoperawx il-prudenza necessarja li kienet indikattiva ghalihom f’ dak il-mument, jigifieri r-rallentar tas-sewqan taghhom. Il-fatt imbaghad li setghu jintebhu b’ xulxin jissokta jzid ma’ din il-kolpa taghhom in kwantu dan il-fatt kellu jattira l-attenzjoni taghhom, li htiegilhom izommu *a proper look out*, u, dippju, li jzommu l-vetturi taghhom il-hin kollu taht kontroll;

Mill-fatti attendibbli jidher li ebda wiehed mill-kontendenti ma waqaf jew ghallanqas irrallenta, bhala mizura prekawzjonali, biex jilqa’ ghall-imprevist u jara dak li kien fid-dmir li jara u qed jissucciedi madwaru. Il-kawza effettiva preponderanti ta’ l-iskontru kienet proprju din il-*faulty look out* taz-zewg *drivers*. Naturalment, kif sew irrileva t-Tribunal, il-kolpa tal-konvenut kellha tigi mizurata fi grad akbar, in vista tan-norma stradali riferenzjata fil-Highway Code. Dan hu sussidjat aktar u aktar mill-fatt meta hu seta’, jew hekk messu, ra l-vettura l-ohra gejja u kellu ghalhekk jakkordalha dik il-precedenza okkorrenti li jsemmi r-regolament. Hawn forsi qieghed il-fattur krucjali tal-kaz kollu u allura din il-Qorti ma ssibx raguni biex titbieghed mir-riflessjonijiet tat-Tribunal, kemm ghal dak li hu addebitu ta’ htija u ta’ l-apprezzament tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettatat u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------